**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
*Città Beland*
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 11/23**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 6 ta' Novembru 2023 |
| **Ħin:** | 5:50pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku (mis-6:15pm)
Amanda Abela - Kunsilliera (skużata)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera (Sat-8:07pm)
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier (Mis-6:10pm)
Roderick Caruana - Kunsillier(Mis-5:57pm)
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**11.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**11.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**11.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**11.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**11.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**11.06** **Vetturi elettriċi;**
**11.07** ***Quarterly Financial Statements;***
**11.11** **Xogħlijiet;**
**11.09** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**11.10** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**11.11** **Mozzjonijiet; u**
**11.12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**11. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 11. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq imejl ta' apoloġija ta' Amanda Abela minħabba xogħol. | Segretarju Eżekuttiv |

**11. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Fenech<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 10/23 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**11. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 11. 2 5 | 10.02.02 | Fenech: Fondi LC Care u problema tal-ħamiem | Fenech qalet li rċevejna mill-LC Care Plus sabiex il-fondi jittieħdu lura. Tkellmet mal-uffiċju tal-Ministeru tal-Onor Alicia Bugeja Said u ser ikunu qed jiċċekjaw dwar dan. Il-flus mhux ser jingħataw lura. Żiedet li d-domes tal-alf tal-ħamiem ittieħdu lura u issa ma jista' jsir xejn iktar dwar din il-problema u ser tintbgħat email il-Ministeru sabiex tinstab soluzzjoni. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 2 | 6 | 10.02.07 | Fenech: CulturALLA | Fenech qalet li fis-27 t'Ottubru 2023 dan il-proġett ġie magħluq u saret Multiplayer Event fejn ġiet imnehdija l-board game u filmat dwar il-kultura fiż-Żejtun. Fost oħrajn kien hemm preżenti l-Onor Owen Bonnici. Il-filmat diġa rawh 'l fuq minn 11 -il elf ruħ. Qalet li tħallsu l-mementos fost oħrajn mis-6 t'elef euro li ser nirċievu bħala fondi. | Fenech |
| 11. | 2 | 7 | 10.02.09 | Chircop: Horrid History | Chircop qal li din kienet suċċess. Fit-30 t'Ottubru ġew studenti u għalliema mill-iskejjel taż-Żejtun, l-Isla, in-Naxxar u Ħ'Attard. L-għada saret għall-pubbliku. Minn kummenti kienet tajba ħafna. It-traffic management irird ikun imqassam aħjar. Il-Kunsill għal din l-attivita' mhux talli ma ħareġ xejn iżda ingħata €400 bħala għajnuna. | Chircop |
| 11. | 2 | 8 | 10.03.02 | Sindku: Attivita' mill-Old Motors Club | Is-Sindku qalet li meta ntalbu ħlas dawn ma aċċetawx u ma saritx l-attivita' fil-ġnien. | Sindku |
| 11. | 2 | 9 | 10.03.03 | Sindku: Triq il-Pres. Anton Buttigieg | Is-Sindku qalet li dwar din għadna qed nistennew risposta minn TM. Preżentawlna d-disinn ta' Triq id-Daħla ta' San Tumas, pero tlabna xi tibdiliet żgħar li għad iridu jiġu emendati u preżentati lura qabel jibda x-xogħol. | Sindku |
| 11. | 2 | 10 | 10.04.06 | Sindku: Clean Go Green | Is-Sindku qalet li dawn ser ikunu qed inaddfu Strejnu fit-18 ta' Novembru 2023. Ser nipprovdulhom l-ingwanti u boroż. Ser ikunu qed jisponsorjaw sitt kameras fi Triq il-Ħotba u ħlas tal-internet għall-ewwel sena. | Sindku |
| 11. | 2 | 11 | 10.04.05 | Fenech: Fr Dillon | Fenech qalet li saret laqgħa fil-kunsill fejn kienu preżenti wkoll is-Sinku u l-kunsillier Chircop. Hu ġie preżentat tifkira bħala ringrazzajment tal-ħidma li għamel qalb iż-żwieten. Kien hemm qbil li jsir l-istess mal-Arċipriet u l-Viċi u l-Arċipriet il-ġdid. | Sindku |
| 11. | 2 | 12 | 10.07.01 | Sindku: Fattiga | Is-Sindku qalet li s-Sinjura Joyce Bartolo bdiet u qed tagħti servizz tajjeb ħafna. | Sindku |
| 11. | 2 | 13 | | Sindku: Laqgħa tar-Reġjun | Ser isir riċeviment għall-Kunsilliera u Staff fl-1 ta' Diċembru. Għall-festa ta' Żejt iż-Żejtun ser ikun qed itina €2000 kif ukoll €2000 għat-tiżjin tal-Milied. | Sindku |
| 11. | 2 | 14 | | Segretarju Eżekuttiv: Tricycle | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rridu nirrifondu l-€4863.75 lill-TM peress li dawn mhux ser jiġu għandna. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11. | 2 | 15 | | Sindku: Proġett *Slow Streets* | Is-Sindku qalet li kellna laqgħa mal-Ministru dwar id-disinn u kien hemm qbil li għandna niffukaw fuq iż-żona ta' Triq Toni Zahra u l-madwar. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 2 | 16 | | Segretarju Eżekuttiv: Tribunal Lokali u l-binja fil-ġnien | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn baqalgħom hemm sal-aħħar tas-sena u rridu nressqu proposti konkreti dwar kif tista' tiġi żviluppata l-binja fil-ġnien biex il-kunsill jibda jkollu ntrojtu tajjeb. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11. | 2 | 17 | | Fenech: Rappreżentant mill-Animal Welfare | Fenech qalet li bħalissa hawn rappreżentant idur il-lokal u jeduka n-nies u jara x'hemm bżonn isir. | Fenech |

**11 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML11/23. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 3 | 1 | 21 | Sindku: Refab Lightblue Partnership | Dwar din il-proposta li jsiru kontenituri għal-żejt tal-ikel użat ma kinx hemm qbil peress li qed jiġi l-vann tal-Wasterserv. | |
| 11 | 3 | 2 | | Roundabout fi Triq tal-Barrani | Saret diskussjoni dwar il-proposta li ssir roundabout flok il-pelican lights eżisteni quddiem il-kumpless ta' ħwienet li ser jiġi żviluppat flok dawk il-ħwienet eżistenti. Il-Kunsill ma jaqbilx li din għandha ssir għax ser jinħoloq iktar dewmien. Il-kunsillier Baldacchino ħareġ barra minħabba kunflitt t'interess. Ser tintbagħat ittra bl-oġġezzjoni tal-Kunsill. | |
| 11 | 3 | 3 | | Sinku: Strumenti fil-bandli | Is-Sindku qalet li dawn twaħħlu fi Ġnien iż-Żgħożija. | |

**11. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 4 | 1 | | Camilleri | Camilleri staqsiet dwar il-problema tat-trailers ipparkjati fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok. Dwar dan diġa bagħtna lill-LESA u l-pulizija sabiex jittieħdu passi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11. | 4 | 2 | | Camilleri | Camilleri qalet li hemm bżonn titwaħħal tabella fi Triq ta' Tavlin biex ma jintremiex skart. | Sindku |
| 11. | 4 | 3 | | Chircop: Numri fi Trejqiet ta' Ganza | Chircop qali li kellna problema bin-numri fit-trejqiet ta' ganza kif ukoll fil -bibien ta' trqi l-Isqof Emm. Galea. Kien hemm l-istess problema f'Qasam Ħal Tmin. | |
| 11. | 4 | 4 | 22 | Dillon Fenech | Dan ressaq talba għal ħsara fil-vettura. Ma kinx hemm qbil li jingħata kumpens peress li diġa kien maqbul mill-Kunsill laqgħa preċedenti li dawn għandna nirreferuhom għall-insurance. | |

**11. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 5 | 1 | | Caruana Ray | Caruana qali li Triq tal-Kotob qedha bla dawl. Qal ukoll li l-arbli tal-pjazza mhux jixgħelu wkoll u hemm bżonn li l-arbli ta' Ġnien iż-Żgħożija iridu jinbidlu. Dwar dan hemm proġett sħiħ minn Project Green. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11. 5 2 | | Viċi-Sindku: Problema mill-Maltapost Hub | Il-Viċi-Sindku reġat qajjmet il-problema li hemm fi Triq id-Duluri mill-Maltapost Hub minħabba inkonvenjent. Dwar dan kienu iffirmaw petizzjoni r-residenti fejn anke kien ikkupjat il-Minisrtu Owen Bonnici. Ser nerġgħu niċċekjaw fejn din waslet. | |
| 11. 5 3 | | Viċi-Sindku: Binja Miżel | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar il-blokka ta' Binja Miżel kif ukoll jekk kellniex riposta dwar Triq Anġlu Grima. S'issa għadna bla risposta. | |

**11. 6.** **Vetturi elettriċi;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 6. 1 | | Sindku: Van elettriku | Is-Sindku qalet li l-ewwel vann ġibnih. Saret laqgħa mal-Ministeru tal-Active Ageing, fejn ġie propost li huma jħallsu l-insurance u l-manutenzjoni u jipprovdi xufier. Kien hemm qbil unanimu li jsir dan l-arranġament mal-AACC. Dan qed nagħmluh mhux għax ridna imma ċ-ċirkostanzi kif ġew hekk jaqbel. Ftehim simili b'kundizzjonijiet differenti ser jiġi propost lill-Care Malta għat-tieni vann. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Segretarju Eżekuttiv |

**11. 7.** ***Quarterly Financial Statements;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11 7 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fit-tielet kwart ta' din is-sena kellna tnaqqis ta' €87,000 mill-allokazzjoni li ser tmur għall-iskart. Spjega li apparti dawn qed inħallsu invoice kull xahar għall-ġabra tal-borża s-sewda u tipping fees lir-Reġjun. Qal li minħabba dan spiċċajna f'defiċit għall dan il-kwart tar-rapport finanzjarju u iżda minkejja hekk ser ninsistu sabiex is-sena finanzjarja tingħalaq xorta b'bilanċ pożittiv. | |

**11. 8.** **Xogħlijiet;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 8. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li x-xogħlijiet f' Ħal Tmin beda u l-ġibja tħaffret. It-tenders ta' Ġnien Brejġu kien hemm sitta u dawn qed jiġu evalwati. Għaddej ukoll ix-xogħol fuq ir-restawr tas-salib tal-pjazza u dan għandu jitlesta sa Frar 2024. | |
| 11. 8. 2 | | Viċi-Sindku: Tiżjin fejn il-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku qalet li kellmuha sabiex bħala kunsill naraw nistgħux ngħinu sabiex tiżżejjen din iż-żona. Ser inkunu qed inkellmu l-kuntrattur dwar dan. | |

**11. 9.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 9. 1 | | Chircop: Kunċert tal-Milied | Chircop qal li l-kunċert tal-Milied ser isir fit-30 ta' Diċembru. | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 11. 9. 2 | | Chircop: Tnehdija tal-ktieb | Chircop qal li t-tnehdija tal-ktieb ser issir fit-30 ta' Novembru. | |
| 11. 9. 3 | | Viċi-Sindku: Pantomima | Il-Viċi-Sindku qalet li din ser issir bejn is-17 u t-30 ta' Diċembru. | |
| 11. 9. 4 | | Viċi-Sindku: Weekend Break | Dan ser isir bejn l-10 u t-12 ta' Novembru | |
| 11. 9. 5 | | Viċi-Sindku: Party Tfal Kids Club | Dan ser isir fit-23 ta' Diċembru | |
| 11. 9. 6 | | Viċi-Sindku: Wirja | Ser titella' wirja fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat li ser tiġi inawgurata fil-15 ta' Diċembru. Din ser tkun oġġetti magħmula minn materjal tal-ħadid riċiklat mis-Sur Chris Debono. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **#### 10.** | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| #### 10. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 11/23 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11. 10. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta11/23 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11. 10. 3 | | *Petty Cash* - Ottubru 2023 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Ottubru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €128.39 | Segretarju Eżekuttiv |
| 11. 10. 4 | | Fenech | €106.20 tal-LogoGrafix kienu mħallsa minn Fenech u għalhekk dawn iridu jiġu refunded lilha minflok kif qed jidher fl-iskeda. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **11 11** | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 11. 11 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet mressqa. | |
| **11 12** | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 4 ta' Diċembru fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

Maria Dolores Abela

Sindku

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv